Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 901/2015

**Chris Tonna [K.I. Nru. 454867M] (appellant)**

**vs**

**James Borg [K.I. 98477M] u Stefan Borg [K.I. 57877M] (appellati)**

22 ta' Settembru 2017.

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tat-Talba tal-attur tal-24 ta' Novembru 2015** permezz ta' liema huwa talab lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jordna lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' elf sitt mija u zewg Ewro (€1,602) dovut minnhom ghal servizzi professjonali rezi lilhom fuq it-talba taghhom.

Rat **ir-Risposta tal-konvenuti tal-21 ta' Dicembru 2015**[1] permezz ta' liema eccepew li: (i) it-talbiet ta' l-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi l-ebda ammont ma huwa dovut lilu minnhom; (ii) f'kull kaz u bla pregudizzju kwalunkwe servizzi allegatament rezi minnu ma kinux professjonali, ma kinux skond is-sengha u l-arti u sahansitra ikkagunaw danni lill-esponenti ghal liema danni l-esponenti minn issa jirrizervaw id-drittijiet taghhom fir-rigward b'mod partikolari li jfittxu lill-attur ghall-istess danni.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-19 t'Ottubru 2016**[2] li cahdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

L-attur appella minn din is-sentenza u l-konvenuti appellati wiegbu[3]. Waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2017 dehru d-difensuri tal-partijet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti li minnhom jirrizulta li:

i. L-appellati kienu ilhom sa mill-2005 joperaw f'negozju ta' mportazzjoni ta' oggetti u l-ghoti

[1] Fol 7 et seq.

[2] Fol 195.

[3] Fol 10 et seq.

ta' servizz dwar dawl u ilma u kienu nkarigaw lill-appellant bhala l-*accountant* taghhom.[4]

ii. L-appellant kien johrog kontijiet u l-appellati kienu jhallsu b'mod regolari.[5]

iii. Meta ntemmet ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet lejn l-ahhar tal-2012, il-partijiet qablu li l-bilanc tal-ammont dovut lill-appellant kien ta' hames elef erba' mija u erbghin ewro (€5440).[6]

iv. L-appellant ippropona l-kawza ghaliex ghalkemm wara l-ftehim saru diversi pagamenti, kien ghad fadal bilanc ta' €1,602.[7]

v. L-appellati jikkontendu li s-servizzi tal-appellant ma kinux professjonali u ghalhekk ebda hlas mhu dovut.

**Preliminari.**

L-appellati ssollevaw il-pregudizzjali tal-irritwalita' u n-nullita' tal-appell stante li l-attur ma kkonformax ruhu mal-artikolu 9 (2) (a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-appellati ladarba waqt is-seduta li fiha nghatat is-sentenza l-appellant ma tax avviz tal-appell, l-appell ma setax isir.

Il-Qorti ma taqbilx. Kif diga' kellha l-okkazjoni li tikkummenta fil-kaz **GO plc vs Josephine Cachia deciz** fit-8 ta' Lulju 2016[8] -

*"B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni, ghalkemm l-Artikolu 9(2)(a) jipprovdi li "izda jekk parti tixtieq tappella mid-decizjoni, ghandu jinghata avviz dwar dan lill-gudikatur meta tinghata d-decizjoni," m'hemmx provvediment li jghid li fin-nuqqas l-appell hu null jew li l-parti li trid tappella ma jkollhiex jedd t'appell. Il-qorti tistqarr li ma tifhimx x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jintroduci dan il-provvediment, meta l-ligi taghti lit-tellief ghoxrin (20) jum mis-sentenza sabiex isir appell mis-sentenza tat-Tribunal. Din l-eccezzjoni hi michuda."*

Ghall-istess ragunijiet, il-pregudizzjali tal-appellati hija respinta.

L-aggravji tal-appellant.

---

[4] Xhieda konvenut James Borg a fol 33.

[5] Xhieda attur fol 20.

[6] Fol 23.

[7] Fol 25.

[8] App Nru 2/2016.

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

L-appellant jilmenta li s-sentenza hija kompletament nieqsa minn motivazzjoni jew ragunijiet li wasslu lit-Tribunal ghall-konkluzjonijiet li ha.

Dwar il-htiega tal-ghoti ta' raguni li tkun wasslet ghal decizjoni fil-konfront ta' persuna, fil-kaz **A.I.L. Limited et vs Awtorità għat-Trasport f'Malta deciza fid-29 ta' Jannar 2016**[9] gie osservat illi -

*"…..kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, "in linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda sempliciment amministrattiva. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b' mod approfondit, **jipprovdi ir-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni.***

Il-Qorti ma ssib xejn censurabbli fil-motivazzjonijiet moghtija mit-Tribunal li fis-sentenza qal:-

*"F'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenuti ghal xoghol professjonali tieghu bhala 'accountant'. Min-naha taghhom il-konvenuti gabu prova illi x-xoghol li sar mill-attur ma kien professjonali xejn tant illi r-`return` tal-vat kienet mimlija hazin bil-konsegwenza illi soffrew danni finanzjarji minhabba fiha.*

*It-Tribunal wara li semgha lil `accountant` attwali tal-konvenuti jixhed dwar kif sar `over declaration` mill-attur bhala `accountant` huwa tal-fehma illi x-xoghol li sar mill-attur ma kienx skond kif mitlub minnu. Anzi di piu l-konvenuti spiccaw soffrew finanzjarjament minhabba dan l-izball li sar mill-attur.*

*It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut mill-konvenuti u dan peress illi x-xoghol li sar mill-attur ma sarx b'mod professjonali".*

Is-sentenza tghid car u tond x'wassal lit-Tribunal biex jichad it-talba tal-attur. Ladarba s-sentenza fiha r-raguni ghalfejn it-Tribunal cahad it-talba tal-attur, l-ilment tal-attur hu fieragh u ghalhekk michud.

**<u>It-tieni, t-tielet u r-raba' aggravju</u>**

Dawn l-ilmenti jitrattaw l-apprezzament tal-provi u ghalhekk sejrin jigu kkunsidrati flimkien. Jigi sottolineat pero' li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal f'tali apprezzament jekk mhux ghal ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu

---

[9] Rik Nru 51/15.

mod iehor[10].

L-ilmenti huma li t-Tribunal:

i. kien zbaljat meta attribwixxa tort lill-appellant ghall-mili zbaljat ta' return tat-taxxa fuq il-valur mizjud;

ii. ikkonkluda erronjament li l-appellati sofrew danni minhabba l-mod li kienet mimlija l-formola tal-VAT ghalhekk wettaq forma ta' tpaccija nformali bejn l-ammont dovut lill-appellant Chris Tonna u dawk id-danni allegatament sofferti mill-appellati;

iii. injora ghal kollox ir-rikonoxximent tad-debitu dovut lill-appellant mill-appellati.

**Konsiderazzjoni.**

L-ammont mitlub mill-appellant huwa bilanc minn somma akbar ghal numru ta' servizzi professjonali rezi mill-appellant lill-appellati fuq numru ta' snin, kif elenkat fid-diversi kontijiet mahruga minnu lill-appellati[11] fosthom ghal laqghat li l-partijiet kellhom bejniethom, komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT ghan-nom taghhom, thejjija ta' dokumenti tat-taxxa, pariri u thejjija ta' accounts ghan-negozju tal-appellati.

L-appellati oggezzjonaw ghall-hlas tal-bilanc rimanenti mitlub f'din il-kawza. James Borg kien xehed hekk[12] -

*"Mistoqsi direttament mit-Tribunal ghaliex ahna ma hallasniex dan l-ahhar kont jiena nispjega li s-servizz li konna qed niehdu minghand Chris Tonna l-accountant taghna ma kienx professjonali."*

It-Tribunal laqa' d-difiza tal-appellati. L-ilmenti tal-appellati dwar l-allegata nuqqas ta' professjonalita' tal-appellant kienu dawn[13]:

i. Minkejja li huma kienu jafdaw lill-appellant fuq *invoicing* dwar pariri teknici, f'ghaxar snin qatt ma qalilhom biex idahhlu sistema kompjuterizzata;

ii. L-appellant kien ghamlilhom *over-declaration* tal-VAT. Ghalkemm eventwalment din giet aggustata, l-appellati wehlu imghax ta' €820.46 fuq dan l-episodju;

iii. Wara li spiccat ir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom l-appellant kien ghadda lill-appellati

[10] **Paul Bezzina vs Direttur Generali (Dwana) deciz fis-27 ta' Jannar 2017.**

[11] Fol 21-22, 41-47.

[12] Fol 33.

[13] Xhieda ta' James Borg a fol 33 et seq.

USB bid-dokumentazzjoni li tappartjeni lilhom izda din kienet tkopri biss sena wahda (2012) u ma kien hemm ebda dokument li jkopri s-snin 2005-2011;

iv. Waqt li kienu juzaw is-servizzi tal-appellant huma kienu gew investigati mill-klijenti taghhom u anke l-appellant kien gie nvestigat[14]. L-appellati jkomplu hekk dwar dan l-episodju –

***"Kien hawnhekk li ahna ndunajna li x-xoghol ma kienx qed isir kif suppost da parti ta' Chris Tonna u ma bqajniex nissaportu izjed u biddilna l-accountant"[15].***

Dwar l-ilmenti ndividwali tal-appellati l-Qorti tqis li:

i. L-introduzzjoni o meno ta' sistema kompjuterizzata ghan-negozju hija kwistjoni marbuta mal-operat tan-negozju tal-appellati. Huma accettaw u operaw in-negozju minghajr din is-sistema ghal numru ta' snin. Jidher li wara li ma baqghux f'relazzjoni professjonali mal-appellant huma bidlu s-sistema fuq parir tal-accountant li ha post l-attur. Izda strettament bhala kwistjoni m'ghandha x'taqsam xejn mas-servizzi li ghalihom qed jintalab il-hlas f'dawn il-proceduri. Il-fatt li jista' jkun li l-attur ma tax parir lill-konvenuti sabiex jintroducu sistema kompjuterizzata ghall-hrug ta' kontijiet, b'daqshekk ma jfissirx li s-servizz li tahom ma kienx professjonali.

ii. Dwar il-kwistjoni tal-*over-declaration* tal-VAT, bhala fatt gie pruvat[16] li d-dhul tan-negozju tal-appellati kif dikjarat fil-VAT return ghall-perjodu 1 t'April 2011 sat-30 ta' Gunju 2011 kien sar *overstatement* li wassal ghall-hlas ta' €21,000 zejda bhala VAT. Dan l-*overstatement* kien aggustat fil-VAT returns sussegwenti permezz ta' *understatements* ta' diversi ammonti fil-VAT returns fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Marzu 2012 u cioe' fil-perjodu stess meta l-appellati kienu ghadhom qeghdin jinqdew bis-servizzi tal-appellant. B'rizultat ta' dan l-*overstatement* l-appellati qeghdin isostnu li hallsu imghax zejjed fuq l-overdraft peress li l-hlas ta' €21,000 sar minn dik il-facilita'.[17]

L-appellat James Borg xehed[18] -

*"….nikkonferma li kont naghti lil Chris Tonna l-informazzjoni li kellu bzonn biex jahdem l-accounts tieghi….Ir-return tal-VAT kien jimliha l-accountant u cioe' Chris Tonna kien igibili u kont niffirmaha."*

---

[14] Fol 35.

[15] Fol 35.

[16] Affidavit Accountant Alan Fiorini a fol 40; xhieda ta' Paul Scicluna a fol 31 u Dok DM1 a fol 36.

[17] Fol 48.

[18] Fol 61.

Kienu ghalhekk l-appellati li jfornu lill-appellant bid-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mehtiega li a bazi taghhom kienet timtela l-formola tal-VAT. Borg kien anke jiffirma dawn *ir-returns*.

Ir-responsabilta' ghal din l-*over-declaration* hija kontestata mill-appellant li xehed[19] –

*"Jiena nixtieq nispjega li l-Accounts jien nahdem fuq is-sales li jaghtini l-klijent u fuq id-dokumenti li jaghtini l-klijent. Jiena nikkontendi li l-over statement kien min naha tieghu ghax hu hareg b'dawn il-figuri u mhux minn naha tieghi. Din fil-fatt x'hin gibduli l-attenzjoni fuqha kien hemm zewg options jew ninfurmaw id-Dipartiment tal-VAT jew inkella nohduhom staggered. Jien mbaghad bdejt nigi fid-dubju jekk kienx fil-verita' over statement il-ghaliex l-accounts bdejt ingibhom bil-loss u jiena bdejt nistaqsih x'ser naghmel."*

Ghalkemm l-attur qal li kien il-konvenut li tah il-figuri, il-qorti tifhem li parti mix-xoghol tal-accountant kellu jkun li jivverifika li l-figuri li nghata jaqblu mad-dokumenti li kienu jatuh il-konvenuti. F'kull kaz pero' meta sussegwentment il-partijiet ma baqghux f'relazzjoni bejniethom lejn l-ahhar tal-2012, irrizulta li **fl-10 ta' Jannar 2013**[20] u allura ferm **<u>wara</u> dan l-episodju**, James Borg ghall-appellati ffirma l-qbil taghhom mac-cifra ta' €5,440 dovuta bhala bilanc ghas-servizzi professjonali resi lilhom mill-appellant. Ladarba gie ffirmat il-kuntratt li fih jinghad:

*"The balance outstanding for professional services rendered to Mr James Borg and Mr Stefan Borg as at 10/1/2013 is Euro 5,440 (Five thousand four hundred forty Euro). Copies of bills issed by the Mr Chris Tonna are attached to the document Agreed".*

Ftehim iffirmat mill-konvenut James Borg.

Ladarba gie ffirmat dak il-ftehim ma jistghux issa l-konvenuti jipprovaw jaharbu l-obbligazzjoni billi jaghtu ragunijiet li kienu jezistu qabel l-10 ta' Jannar, 2013. Min irid jikkontesta l-kwalita tas-servizz li jkun inghata minn professjonist m'ghandux imur jiffirma ftehim fejn jiddikjara l-ammont li ghandu jhallas. Jekk jaghmel hekk ikun qieghed jikkomprometti l-posizzjoni tieghu.

iii. L-ilment tal-appellati fir-rigward tad-dokumentazzjoni allegatament nieqsa mill-USB li nghatatilhom mill-appellant ftit wara li huma ma baqghux juzaw is-servizzi tieghu fl-2012, huwa kontestat mill-appellant li jikkontendi li huwa kien jghaddi d-dokumenti relattivi kull sena[21]. F'kull kaz, l-argument tal-appellati ma jwassal imkien, ghax ghalkemm huma ghadhom jinsistu li dawn id-dokumenti ghadhom minghajrhom sal-lum[22], huma mhux biss kienu qablu li jhallsu lill-appellant l-ammont miftiehem fl-2013, kif inghad, izda baqghu jaghmlu pagamenti

---

[19] Fol 58.

[20] Dok CT 3 a fol 23.

[21] Fol 58.

[22] Fol 35.

regolari sal-2015[23]. L-ahhar pagament ta' €500 mill-appellati sar fis-**7 t'Awissu 2015**[24]. Il-bilanc rimanenti kien ghas-somma ta' €1,602 – dik mitluba f'dawn il-proceduri. Li jitqajjem dan l-ilment proprju issa fil-proceduri hija meqjusa biss bhala skuza biex l-ahhar parti tal-hlas miftiehem ma ssirx u dan minghajr ebda raguni valida.

iv. L-appellati jghidu wkoll li waqt li kienu juzaw is-servizzi tal-appellant huma kienu gew investigati mill-klijenti taghhom u anke l-appellant kien gie nvestigat mid-Dipartiment tal-VAT. Prova ta' dan qatt ma tressqet u lanqas ir-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-VAT ma ntalbu jikkonfermaw dan. Dan l-ilment ma ghandu ghalhekk ebda bazi. F'kull kaz jekk gara hekk mhemmx prova li din l-investigazzjoni saret minhabba xi nuqqas tal-attur.

B'zieda ma' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti zzid li l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' hrug ta' *tax invoice*[25] hija estranja ghall-mertu ta' dawn il-proceduri. Inoltre l-ilment taghhom li huma qatt ma ftehmu mal-appellant fuq il-hlas tal-imghaxijiet huwa fieragh ghax dawn kienu ilhom jakkumulaw sa mis-27 ta' Gunju 2013 u huma baqghu jaghmlu l-hlasijiet sal-2015, meta mbaghad inbdiet il-kawza, u dan minghajr diffikulta' kif jirrizulta mir-rendikont a fol 25.

Il-Qorti ghalhekk issib li anke jekk wara numru ta' snin il-konvenuti ddecidew li jibdlu l-accountant u jfittxu s-servizzi ta' haddiehor, fit-tmiem tar-relazzjoni mal-attur kienu accettaw u fil-fatt bdew ihallsu s-somma ta' €5,440. Ma jistghux ghalhekk issa jergghu lura minn dan il-ftehim billi jsostnu li ma jridux ihallsu minhabba li l-attur ma kienx professjonali fis-servizz li tahom. **Ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal li ma hax dan il-fatt in konsiderazzjoni u li l-qorti tqies li kien determinant ghall-ezitu tal-kawza.**

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti.**
2. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appellant u tilqa' l-kumplament tal-appell.**
3. **Thassar is-sentenza tat-Tribunal tal-25 ta' Mejju 2016, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh is-somma ta' elf sitt mija u zewg Ewro (€1,602) solidalment bejniethom;**
4. **Spejjez tal-ewwel istanza a karigu tal-konvenuti. Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 15% a karigu tal-attur u 85% a karigu tal-konvenuti.**

---

[23] Saru pagamenti fit-22 ta' Lulju 2013, fis-27 ta' Jannar 2014, fl-1 t'Awissu 2014, fl-10 t'April 2015 u fis-7 ta' Awissu 2015 – fol 25.

[24] Fol 25.

[25] Xhieda ta' Carmel Dimech a fol 29.

Anthony Ellul